MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2012

Numru. 1241/2007

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kevin Borg]**

**Vs**

**Anthony Cilia Pisani**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Cilia Pisani detentur tal-karta tal-identita` numru 79647(M).

Akkuzat talli f'Lulju 2002, u fix-xhur ta' qabel, fl-Imsida u f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer;
1. wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu (IV) tat-Titolu

(III) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor; (Dan bi ksur tal-Artikolu 121A(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentament ghamel uzu minn att/l, kitba, jew skrittura/I foloz; (Dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

3. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentament ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 185 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; (Dan bi ksur tal-Artikolu 186 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

4. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz; (Dan bi ksur tal-Artikoli 18, u 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

5. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sew xjentament jew bi traskuragni, ghamel xi dikjarazzjoni falza f’xi partikolarita’ sostanzjali f’xi prospett, talba jew dokument iehor mehtieg jew awtorizzat li jsir bl-Att jew taht l-att dwar l-Awtorita’ Marittima ta’ Malta; (Dan bi ksur tal-Artikoli 76 tal-Kap 352 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Il-Qorti hija mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll li l-imputat jkun skwalifikat milli jkollu licenzja tal-bahar (nautical license) ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq.

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-ogetti kollha esebiti.

Il-Qorti mitluba wkoll sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lil Giuseppe Abela ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif

ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih fi stadju bikri tal-proceduri, u kkonferma tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregla ruhu; u

Rat id-dokumenti ipprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 121A(1), 184, 186, 188 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 76 tal-Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta, u stante li l-hames akkuza tigi assorbita fir-raba' akkuza u t-tielet akkuza tigi assorbita fit-tieni akkuza, qed issib lill-imputat Anthony Cilia Pisani hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum, kif ukoll tikkundannah multa ta' hames mitt Ewro €500.

Inoltre, tordna wkoll s-sospensjoni tal-licenzja nawtika tal-imputat ghal sena (1) b'effett min-nofs il-lejl ta' ghada filghodu.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------